

*Profil*

# Is-Surmast Anthony Borg

Kien sewwa sew f'Ottubru ta' għaxar snin ilu meta l-Banda Imperial biddlet id-direzzjoni mużikali tagħha u beda kapitlu ġdid fl-istorja tal-banda tagħna. Wara karriera ta' sbatax-il sena bħala Surmast Direttur tal-Banda Imperial, is-Surmast John Mamo għadda l-bakketta tad-direzzjoni lis-Surmast Anthony Borg.

Is-Surmast Borg ma kienx wiċċ ġdid fil-każin Imperial, anzi! Ħareġ idoqq mal-Banda Imperial fl-1979 fejn kien idoqq it-trumbetta. Kien ilu jservi bħala Assistent Surmast u Għalliem tal-mużika ma' l-istess banda sa mill-1988. Lanqas id-direzzjoni ma kienet xi ħaġa ġdida għalih għaliex idderieġa għall-ewwel darba l-Banda Imperial fit-2 ta' Settembru 1989. Minbarra dawn ir-rwoli marbuta direttament mal-qasam mużikali, is-Surmast Borg serva wkoll f'diversi karigi oħra fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial, fosthom Chairman tal-Kummissjoni Banda u membru fil-Bord Editorjali tal-magażin 'Leħen l-Imperial'.

Twieled l-Imġarr Malta fl-1967, wild Joseph u Cecilia née Camilleri. Il-mużika minn dejjem kienet għal qalbu ħafna u ta' età żgħira beda l-istudju tal-mużika ma' missieru Joseph u aktar tard mas-Sur George Buttigieg. Fl-1981 huwa kompla l-istudju tat-teorija mużikali, l-armonija, il-kontrapunt u l-istorja tal-mużika mas-Surmast Joseph Nazzareno Sammut F.L.C.M.

Minn Settembru 1980 sa l-1989 kien mużiċist ma' l-Għaqda Koralio u Orkestrali Marija Bambina u bejn l-1989 u l-1994, is-Surmast Borg inħatar Surmast Direttur ta' l-istess Għaqda. F'Marzu 1997 inħatar għalliem tal-mużika mal-Banda Prekursur tax-Xewkija. F'Lulju 1997 huwa nħatar Surmast Direttur ta' l-istess banda, liema kariga għadu jokkupa sal-lum.

Taħt id-direzzjoni tas-Surmast Anthony Borg, l-Għaqda Mużikali Imperial kompliet taħdem bis-sħiħ u tavvanza fil-qasam mużikali. B'ħarstu dejjem 'il quddiem, is-Surmast Borg irsista sabiex



l-Għaqda Mużikali Imperial tibqa' miexja mażżminijiet tal-lum mingħajr ma titlef l-għeruq minsuġa ma' l-istorja sinjura tagħha. Fuq inizjattiva tiegħu, twaqqaf il-Kor Imperial li beda jieħu sehem f'diversi programmi mużikali kemm flimkien mal-Banda Imperial, kif ukoll waħdu.

Fost l-attivitajiet ewlenin li fihom ħadet sehem il-Banda Imperial u l-Kor Imperial tul dawn l-għaxar snin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Borg, wieħed ta' min isemmi l-programmi tal-Banda Imperial ġewwa l-Ġermanja fl-1999, l-irrekordjar tas-CD *Fik Ittamaw Missirijietna* fl-2001, il-parteċipazzjoni tal-Banda u l-Kor Imperial fil-*Mellieħa International Festival* fl-2004 u fl-2006, il-kunċerti tal-Kor Imperial ġewwa Adenau l-Ġermanja fl-2004, u l-*massed bands concert* mill-Banda Imperial flimkien mal-Hampshire Constabulary Band fl-2006.

Ma' dawn kollha, irridu nżidu d-diversi programm mużikali li ġew esegwiti fil-festi ta' għeluq il-Ħamsa u Sebgħin Sena mit-twaqqif tal-Banda Imperial li ġew iċċelebrati fl-2005. Għal din l-okkażjoni storika, is-Surmast Borg ikkompona l-mużika ta' l-Innu ta' l-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju bl-isem ta' *F'Għeluq il-Ħamsa u Sebgħin Sena*, fuq versi ta' George Saliba. Is-Surmast Borg ikkompona ukoll diversi marċi brijużi u marċi funebri li jinsabu fl-arkivju mużikali ta' l-Għaqda Mużikali Imperial.

Tul is-snin li ilu midħla tal-Każin u tal-Banda Imperial, is-Surmast Borg qasam diversi esperjenzi ta' ferħ u oħrajn ta' niket mal-ħafna ħbieb li għandu f'din l-Għaqda.

Għamel u għadu jagħmel ħafna xogħol li għad li bosta drabi ma jidhirx, huwa tant importanti u ta' siwi biex soċjetà msejsa fuq il-volontarjat tibqa' b'saħħitha u attiva tul is-sena kollha u mhux biss fl-erbat ijiem tal-festa titulari.

Ħafna drabi dan jagħmlu b'sagrifiċċji personali u familjari, u ta' dan kollu ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil martu Ruth u liż-żewġ uliedhom, Maria u Samuel.

Il-Bord Editorjali tal-magażin 'Leħen l-Imperial', flimkien mal-President, il-Kumitati, il-bandisti u l-membri tal-Kor, u l-membri kollha ta' l-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jieħdu din l-okkażjoni sabiex jifirħu lis-Surmast Borg f'għeluq l-għaxar snin minn meta ħa d-direzzjoni mużikali ta' l-Għaqda Mużikali Imperial, u filwaqt li jirringrazzjawh tax-xogħol siewi li jagħmel, nawgurawlu aktar snin ta' ħidma u suċċessi fi ħdan is-soċjetà tagħna.


ĠO ĠO
SELF SERVICE

108, Snajjin Street,
Mellie˙a MLH 03
Tel: 21 521445

**Free Deliveries**

Owners Mr. & Mrs. S. Vella

***Wish an enjoyable feast to all, especially to our clients.***




Greystone PUB & Restaurant

*Open 9.00 till late for breakfast, lunch & dinner & Maltese dishes. Priced moderate. Big screen for live Football & Formula 1.*

**154, Gorg Borg Olivier Str., Mellieħa**
**Tel: 2152 3499 Mob: 9947 0994**

www.YellowPagesMalta.com/greystone/

***Caters for Take-Away***

Fully Air-Conditioned